MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-14 ta' Settembru, 2004

Numru 527/2002

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Cordina)**

**Vs**

**Lawrence Farrugia**

Illum, 14 ta’ Settembru 2004

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat Lawrence Farrugia bin Joseph u Filippa nee’ Tabone imwieled Pieta’ ta’ karta ta’ identita’ numru 319762(M), akkuzat:

1. talli fil-15 ta’ Mejju 2002 u fil-granet precedenti, fil-Furjana u fi bnadi ohra f’dawn il-Gzejjer, b’mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki

foloz, jew billi inqeda b’qerq iehor, ingann jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-isistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immanignarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta’ Lm7000 bi hsara ta’ Mario Pisani u tas-socjeta’ Bank of Valletta – dan bi ksur ta’ l-Artikoli 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. talli taht l-istess cirkostanzi, b’falsifikazzjonijiet fi skritturi kummercjali jew ta’ Bank privat, b’falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet, jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f’dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw. Jew aktar li ghamel uzu min tali skritturi u cioe’ tal-imsemmi cheque tal-Bank of Valletta b’valur ta’ Lm7000 ghad-detriment ta’ Mario Pisani u tas-socjeta’ Bank of Valletta – dan bi ksur ta’ l-Artikolu 183 u 184 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. talli fl-istess cirkustanzi iffalsifika cedula, polza, ordni, jew dokument iehor, illi meta jigi prezentat wiehed jista’ jircevi bihom hlas jew jiehu kunsinna ta’ oggetti, jew jigbor depositu minn ufficjal pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b’xi att pubbliku tal-Gvern. Jew aktar xjentement ghamel uzu minn tali dokument jew karta - bi ksur tal-Artikolu 167 u 169 tal-Ligijiet ta’ Malta;

4. fl-istess cirkustanzi xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa u cioe’ chekk tal-Bank of Valletta imsemmi aktar il-fuq, liema chekk kien mehud b’qerq jew akkwistat b’reat, jew xjentement b’kull mod iehor li jkun, indahal biex ibiegh jew imexxih – bi ksur ta’ l-Artikolu 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-artikoli tal-ligi mahruga mill-Avukat Generali li bihom dehrlu li setghet tinstab htija jew htijiet u ghalhekk iddecida li jibghat l-atti lura lil din il-Qorti sabiex tiddecidi fuq il-htija o meno tal-imputat u dan fin-nuqqas ta’

oggezzjoni tieghu u wara li tkun semghet l-ahhar provi tal-prosekuzzjoni.

Semghet il-prosekuzzjoni tiddikjara li ma kellhiex aktar provi;

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni biex il-kawza tigi trattata u deciza minn dina l-Qorti;

Ezaminat ix-xhieda;

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat:

Ai termini tal-att tar-rinviju l-imputat huwa akkuzat ta' reat kontinwat li jipprevedi l-falsifikazzjoni ta' atti pubblici u l-uzu tal-istess (artikolu 183/184), it-truffa aggravata (artikolu 308/309/310), il-falsifikazzjoni ta' dokumenti (artikolu 167) u r-ricettazzjoni (artikolu 334).

Minghajr il-bzonn li jkun hemm dilungazzjoni fl-esposizzjoni tal-fatti li taw origini ghall-imputazzjonijiet huma jinsabu pjenament pruvati, irrispettivament jekk l-imputat agixxa ta' mandatarju ghall-haddiehor u dana sija mill-provi prodotti u sija mill-ammissjoni tal-imputat registrata fl-udjenza tat-3 ta' Gunju 2004.

Illi dwar il-fatti ut sic dawn juru illi fil-15 ta' Mejju 2002 fuq rapport ta' certu Mario Pisani, li xi persuna kienet minghajr il-kunsens tieghu u kontra l-volonta' tieghu, sarfit chekk tieghu fl-ammont ta' Lm7000 fil-fergha tal-Bank of Valletta tal-Floriana, komplici l-inavertenza tal-istess Bank, il-Pulizija irrisalew ghall-imputat li gie posittivament u konklusivament identifikat mill-istess impiegati tal-bank oltre li jirrisulta a tergo tac-chekk, indebitament imsarraf, il-firma u n-numru tal-identita' tieghu kif ikkonkluda l-espert kaligrafiku nominat. Ghalhekk irrispettivament minn kull riljev iehor l-imputat ghandu jirrispondi personalment ghall-imputazzjonijiet kontrih dedotti li jinsabu kollha

pruvati kontra tieghu anka fil-konfront tar-ricettazzjoni fejn it-termini tal-ligi in propositu huma komprensivi u jinkludu l-fatt ta' min jilqa' ghandu l-oggett provenjenti minn delitt anki ta' dak li jircevi l-oggett ghal ftit ta' zmien biss u anki bhala rahan molto piu' meta ix-xjenza mehtiega fir-ricettatur tirrigwarda l-provenjenza kriminuza generika u ma tirriferix ghad-dettalji specifici tar-reat principali (Vol.XXXVII.iv.1067).

Illi fuq l-iskorta tal-provi jirrisulta li t-telf gie sopportat mill-Bank li ghandu kull dritt jigi rifuz nieqes l-ammont ta' Lm890 li jinsabu depositati f'dawn l-atti.

Ghalhekk tiddecidi li ssib l-imputat hati tal-akkuzi kollha kontrih dedotti. Rat l-Artikolu 18, 183, 184, 308, 309, 310, 167, 169, 334, 17, 31, 20, u 553 tal-Kap 9 u tikkundannah sentejn prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tac-citat Kap qeghdha tissospendi ghall-erba snin mill-lum sakemm l-imputat ma jikkommettix reat iehor, f'dan il-perjodu. Tikkundannah ukoll ihallas l-ispejjez tal-espert nominat u dan zmien mhux aktar tard minn meta jigi notifikat b'tali spejjez mir-Registratur ta' dawn il-Qrati.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------